**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Gunju 2025

Rikors Ġuramentat: 221/19 AL

**Dr. Noella Sciriha**
Bħala mandatarja speċjali ta' A B

**vs.**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fil-25 ta' Settembru 2019 bħala mandatarja speċjali ta' AB li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti hi l-mandatarja specjali ta' AB li llum huwa assenti mill-Gzejjer Maltin (Dok A);

2. Illi jinghad li l-esponent u l-konvenuta zzewgu nhar id-9 t'Awwissu 2008 u miz-zwieg taghhom rwieldu zewg ulied, D u E li ghadhom minuri;

3. Illi jinghad li l-partijiet kienu diga' bdew proceduri ta' separazzjoni gewwa Franza, liema huma ma kinux segwew u wara liema huma kienu anke regghu rrikonciljaw u gew flimkien m'uliedhom jabitaw gewwa Malta, f'appartament li huwa parafernali tal-esponent,

4. Illi z-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn wara li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u anke swat fil-konfront ta zewgha, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli;

5. Illi l-esponent gie debitament awtorizzat jipprocedi b'separazzjoni personali minn ma' martu, permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat nhar is-sitta' u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (26.07.2019);

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:**

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-intimata, fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u anke swat fil-konfront ta' zewgha, li rrendew il-hajja matrimonjali impossibbli;

2. Tordna u tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri, fidejn il-partijiet b'mod kongunt,

3. Tiffissa granet u hinijiet t'access illi r-rikorrent ghandu jkollu versu uliedu; inkluz l-isleepovers izda kif ukoll l-access li huwa ghandu jkollu fJum il-Missier, fgheluq sninu u f'gheluq snin il-minuri, fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena;

4. Tordna li l-esponent ghandu d-dritt li jcempel liz-zewg ulied minuri tramite l-iskype, kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Sibt bejn il-5pm u s-6pm jekk u meta jkun assenti mill-Gzejjer Maltin;

5. Tillikwida u tiffissa manteniment skont il-bzonnijiet tal-minuri, li ghandu jizdied minn sena ghal sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, u dana wara li tikkunsidra l-mezzi u l-hila taz-zewg partijiet, u dana sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time,

6. Tiddeciedi u tiddikjara illi bl-imgieba taghha l-intimata ddekadiet mid-dritt illi titlob ghall-manteniment minghand zewgha l-esponent;

7. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

8. Tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u parentorju tallonta ruhha mill-fond matrimonjali ossia l-fond kif ukoll mill-garage li huma propjeta parafernali tal-esponent. B'dana illi fin-nuqqas tordna li l-istess intimata tigi zgumbrata mill-istess fond bl-intervent tal-Pulizija u l-Marixxalli;

9. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

10. Tordna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-esponent l-beni u krediti parafernali u dotali tieghu li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-esponent dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

11. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-esponent;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista bix-xhieda tal-attriċi:

Rat ir-risposta ġuramentata ta' C B li permezz taghha esponiet:

1. Illi hija taqbel mal-attur ghat-talba tas-separazzjoni personali izda dawn mhux ghar ragunijiet premessi minnu stante illi l-htija ghandha tigi attribwita unikament lill-attur kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-

kawza. Ghalhekk it-talbiet tal-attur in kwantu jimputaw xi tort lill-eccipjenti ghal-kusr tal-hajja mizzewga huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u huwa l-attur li ghandu jinstab hati tal-firda tal-kontendenti minhabba li naqqas li jottepmora ruhhu mal-obbligi matrimonjali, u ukol hu hati ta' adulterju, swat, sevizzi, theddid, offizi u ingurja gravi fuq l-esponenti u ulied il-kontendenti u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16;

2. Tikkontesta b'mod assolut it-tieni talba stante illi hija dejjem hadet hsieb ghal bzonnijiet tal-istess minuri li sal-llum dejjem ghexu mal-esponenti u hija l-aktar genitur idoneju sabiex tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-istess minuri, tant illi l-attur huwa inkapacitat u ma huhiex f posizzjoni li jiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu personali minhabba abbuz tal-akohol.;

3. Taqbel parzjalment mat-tielet u r-raba' talba, izda din id-decizjoni ghandha tigi tinstema x-xewqa tal-minuri, stante li dawn ghandhom 14 u 12-il sena rispettivament u jekk hemm bzonn bl-ghajnuna tal-avukst tat-tfal. L-esopnenti tigbed l-attenzjoni illi l-attur telaq minn Malta f Settembru 2018 u ilu f'bosta sptarijiet gewwa Franza;

4. Toggezzjoni ghal hames talba li hija ghandha tigi ordnata thallas manteniment ghal minuri. Ghandu jkun l-attur li jigi ordnat ihallas manteniment ghal minuri lill-esponenti li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet taghhom;

5. Tikkontesta is-sitt u ghaxar talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod ma ghandha tbaghti xi nuqqas jew tigi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut u dan ghaliex kif ser jigi pruvat, huwa l-attur illi huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg. Illi in oltre, kif ser jigi ppruvat iddekada ghad-dritt ta' manteniment ghar-ragunijiet msemmija. Illi ma ghanda thaghti l-ebda sanzjonijiet hekk kontemplati u jekk xejn dawn is-sanzjonijiet għandhom jigu impost fuq l-attur ghar-ragunijiet premessi kif ser jirrizulta u jigi ppruvat tul il-procediment tal-kawza;

6. Taqbel parzjalment mas-seba talba stante illi l-istess kommunjoni ghandha tigi likwidata izda bla ebda mod ma ghandha tbaghti xi nuqqassijiet fil-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni;

7. Tikkontesta it-tmient talba stante illi kien l-attur li abbanduna d-dar matrimonjali u lill-uliedu. Illi l-istess minuri stabbillixew ruhhom gewwa Malta u ghalhekk ma ghandhomx ikompli jbgahtu ghan-nuqqasijiet ta' missierhom. In oltre, din l-Onorabbli Qorti kienet awtorizzat lill-esponenti u lill-minuri sabiex ikompli jirrizjedu gewwa d-dar matrimonjali;

8. Taqbel mad-disa' talba.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu ngunt min issa ghas-subbizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro talba ta' C B fejn ppremettiet;

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-9 ta' Awwissu 2008 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied minorenni, D u E ahwa B li ghandhom 14 u 12 il sena rispettivament;

2. Illi z-zwieg ta bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minħabba adulterju. vjolenza, swat, eccessi, minnacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarjiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputtabli unikament ghal-attur rikonvenzjonat;

3. Illi l-konevnuta rikonvenzjonanti ghamlet minn kollox sabiex tasal ghal ftehim bonarju izda minhabba nuqqas tal ko-operazzjoni da parti tal-attur rikonvenzjonat dan ma kienx possibliz

4. Illi l-fatti hawn dikkjarati tafhom hi perosnalment;

Ighid ghalhekk l-attur rikkonvenzjonat ghar-raggunijiet premessi, prevja kull dikkjarazzjoni neccessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba adulterju, vjolenza, swat, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-attru rikonvenzjonat kontra l-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti tghix separatament mill-attur rikonvenzjonat;

2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri lill-kontendenti f'idejn l-konvneuta rikonvenzjonata, filwaqt li tawtorizzaha tiehu decizjonijiet kollha rigward sahha u edukazzjoni tal-istess minuri, inkluz li tapplika ghal hrug ta' passaport u dan hekk stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-attur rikonvenzjonat ghaliha u ghal uliedhom minuri fuq imsemmija, D u E B u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-konvenuta rikonvejonanti;

4. Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm jkunu ghadhom jistudjaw;

5. Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat iddekada mid-dritt illi jitlob u jircievi manteniment;

6. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

7. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjonni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lil-intimat, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-evntwali kontumacja fuq l-istess att;

8. Tiddikjara liema huma l-beni parafernali tal-partijiet u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali taghha;

9. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni b'numri 505/18 u 281/19;

10. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attur rikonvenzjonat, inkluz l-atti tal-medjazzjonili hu minn issa, ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonata;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Noella Sciriha nomine ghal kontro talba ta' C B fejn permezz taghha tesponi:

Illi l-esponent ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-konvenuta rikonvenzjonanta fil-kontrotalba taghha, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva minn issa d-dritt li jressaq xhieda in sostenn ta' dan;

Illi brevement jinghad illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn u l-konvivenza tal-partijiet ma baqghetx iktar possibbli stante li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u anke swat fil-konfront ta' zewgha, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli;

Illi jinghad illi l-partijiet ma setghu jaslu qatt ghall-kompromess anke ghaliex ghall-kuntlarju ta' dak dikjarat minnha, il-konvenuta rikonvenzjonanta fl-unika seduta ta' medjazzjoni li attendiet ghamlitha cara illi mhux ser tilhaq ftehim u ghalhekk huwa inkoncepibbli kif issa tittenta tallega li n-nuqqas ta' kooperazzjoni kien da parti tal-esponent attur!

Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonanti, l-esponenti tissottometti s-segwenti:

1. Illi huwa ma joggezzjonax ghall-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejniethom u li huma jkunu awtorizzati jghixu separatament, kif fil-fatt diga' qed jigri; izda mhux ghat-tortijiet imputabbli lilu stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg b'mod irrimedjabbli huwa imputabbli esklussivament lill-konvenuta u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

2. Illi l-esponent jopponi bil-qawwa ghat-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u cioe` li hija tigi fdata bil-kura u kustodja tal-ulied minuri u li addirittura tigi awtorizzata tiehu d-decizjonijiet kollha tal-ulied wahidha. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-konvenuta tippretendi li l-minuri huma biss taghha u tikkunsidra lill-esponent biss bhala mezz biex takkwista l-flus. Fl-umli fehma tal-esponent mill-provi ser jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tal-ulied ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, b'dana illi d-decizjonijiet kollha rigwardanti s-sahha, edukazzjoni u hrug o meno tal-passaport jittiehdu mill-partijiet b'mod kongunt;

3. Illi l-esponent jopponi ghall-ewwel parti tat-tielet talba u cioe` li jigi ffissat manteniment ghall-konvenuta rikonvenzjonanta u dana stante illi fl-ewwel lok hija kapaci tahdem u tiggenera introjtu u fil-fatt hi tahdem fuq bazi full time u ghandha dhul ikbar minn tal-esponent; u iktar minn hekk, jinghad illi kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-konvenuta rikonvenzjonanta ddekadiet mid-dritt taghha li titlob u tircievi manteniment minghand l-esponent;

   Illi l-esponent m'ghandux diffikulta` illi jmantni lill-uliedu, skont il-mezzi u l-qliegh tieghu, tenut kont li huwa jbati minn disabilita`, tenut kont mill-mezzi u l-qliegh tal-konvenuta omm u fuq kollox il-bzonnijiet tal-minuri. L-esponent joggezzjona li l-manteniment likwidat ghandu jinqata' direttament mis-salarju tieghu u dan stante li huwa dejjem onora l-obbligu ta' manteniment minghajr ebda diffikulta`;

4. Illi l-esponent jopponi ghar-raba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u cioe` li jigi ordnat ihallas ghall-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-ulied, u dan stante li dawn ghandhom ikunu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti indaqs bejniethom, u dan dment illi jkun hemm konsultazzjoni u qbil dwar l-istess spejjez;

5. L-esponent jopponi wkoll ghall-hames talba rikonvenzjonanti u dan stante li m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li ghaliha hu ghandu jitqies

li ddekada mid-dritt li jitlob u jircievi manteniment minghand martu u dana gjaladarba z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli esklussivament minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

6. Illi l-esponent qieghed jopponi ghas-sitt talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan stante li m'hemm l-ebda raguni biex jigu applikati fil-konfront tieghu l-artikoli 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u se mai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta innifisha;

7. Illi l-esponent ma jopponix ghas-seba' talba tal-konvenuta fuq ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lill-Mara u mhux lill-esponent u meta tasal sabiex tiddividi l-kommunjoni tqis minn meta hi kienet hatja tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess. L-esponent ma jopponix ghat-talba tal-konvenuta li jinhatar kuratur fl-eventwali kontumacja, b'dana illi kuratur ghandu jitqabbad ukoll ghall-eventwali kontumacja tal-istess konvenuta, fuq l-att ta' divizjoni;

8. Illi fir-rigward tat-tmien talba, sta ghall-konvenuta biex tipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali u/jew dotali u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ezistenza ta' tali tigi ppruvata, kwalsiasi frott tal-istess xorta jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi l-esponent ma jopponix ghad-disa' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta;

10. Illi l-esponent ma jopponix ghall-ghaxar talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta;

11. Illi finalment, l-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta rikonvenzjonanta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

IL-Qorti rat li waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju, 2025 il-partijiet ippreżentaw rikors konġunt li permezz tiegħu talbu sabiex l-ewwel talba prinċipali u l-ewwel talba rikonvenzjonali, li oriġinarjament kienu talbiet għall-pronunzjament ta' separazzjoni bejn il-partijiet, jiġu konvertiti f'talbiet għad-divorzju.

Il-Qorti rat ukoll nota konġunta ppreżentata mill-partijiet li permezz tagħha ċedew it-talbiet kollha, ħlief għall-ewwel talba prinċipali u għall-ewwel talba rikonvenzjonali, liema talba issa qed jintalbu jiġu konvertiti minn talba ta' separazzjoni għal talba ta' divorzju.

Għaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors ġuramentat kif ukoll tat-talbiet kollha kontenuti fil-kontrotalba, ħlief għall-ewwel talba kemm prinċipali kif ukoll rikonvenzjonali.

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2019, li hija d-data li ġiet ippreżentata din il-kawża, u għalhekk ġie sodisfatt il-kwezit li trid il-liġi. Illi l-partijiet kienu ilhom ukoll tul ta' żmien de facto separati minn ma' xulxin.

Il-Qorti rat ukoll li l-partijiet waslu għal ftehim biex iċedu t-talbiet kollha, u għaldaqstant sabet li ma teżisti ebda possibbiltà ta' transazzjoni jew

rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti rat ukoll illi ma jirriżultax li hemm xi pendenza fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment lill xi parti jew l-oħra.

Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' kemm l-ewwel talba prinċipali kif ukoll l-ewwel talba rikonvenzjonali, u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res ġudikata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna wkoll li ma jkunx hemm taxxi jew spejjeż dovuti bejn il-partijiet u tistabbilixxi t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.